KUNSILL TA' (OR. fr)

INIZJATTIVA

fonti:	ir-Renju tal-Belġju
datata:	4 ta' Novembru 2004
Suġġett:	Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju sabiex tiġi adottata mill-Kunsill deċiżjoni kwadru dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar fl-Unjoni Ewropea tal-projbizzjonijiet li jirri żultaw minn kundanni għal reati sesswali mwettqa kontra t-tfal

Sinjur,

Mehmuż ma' dan ser issib inizjattiva tar-Renju tal-Belġju sabiex tiġi adottata mill-Kunsill deċiżjoni kwadru dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar fl-Unjoni Ewropea tal-projbizzjonijiet li jirriżultaw minn kundanni għal reati sesswali mwettqa kontra t-tfal, ibbażata fuq l-Artikolu 31 (a) u l-Artikolu 34 (2)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-inizjattiva hija intiża bħala supplement utli, fil-qasam partikolarment diffikultuż tar-reati sesswali kontra t-tfal, għall-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn *records* kriminali, ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-25 u 26 ta' Ottubru 2004.

(Formula ta' għeluq)

Iffirmata:

Jan de Bock

Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju sabiex tiġi adottata mill-Kunsill deċiżjoni kwadru dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar fl-Unjoni Ewropea tal-projbizzjonijiet li jirriżultaw minn kundanni għal reati sesswali mwettqa kontra t-tfal

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(a) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Belġju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Huwa l-għan ta' l-Unjoni Ewropea li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(2) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 1999, saħaq li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jsir il-pedament ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet kemm ċivili kif ukoll kriminali fl-Unjoni.

(3) Fid-29 ta' Novembru 2000 il-Kunsill adotta programm ta' miżuri sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'kwistjonijiet kriminali. Skond il-punt 3.4 tal-programm, dwar diskwalifiki u sanzjonijiet oħra, l-effikaċja ta' ċerti sanzjonijiet fl-Unjoni Ewropea tiddependi jekk jiġux rikonoxxuti u infurzati fl-Unjoni kollha. F'dak il-kuntest, il-Kunsill stabbilixxa bħala prijorità (miżura 22) li jfassal strument li jippermetti li tali diskwalifiki jiġu infurzati fl-Istat Membru ta' residenza tal-persuna kkundannata u li ċerti skwalifiki jiġu esti żi għall-Unjoni fl-intier tagħha, għall-inqas fir-rigward ta' ċerti tipi ta' reati u skwalifiki.

(4) Meta jitqies li projbizzjoni hija ġeneralment imposta jew minħabba l-gravità tar-reat imwettaq jew sabiex tipprevjeni t-twettiq ta' aktar reati mill-persuna kkundannata, huwa tassew mixtieq li l-projbizzjoni tkun tista' tiġi infurzata fi kwalunkwe Stat Membru ieħor li fit-territorju tiegħu l-persuna hi residenti.

(5) Il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, u b'mod partikolari l-ġlieda konra riskji ta' reċidività f'dan il-kuntset, għandhom ikunu prijorità għall-Unjoni. F'dan il-qasam partikolari d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal stabbiliet, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà, approċċ komuni minimu ta' l-UE għal dawn ir-reati kriminali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' piena u projbizzjoni li għandha tiġi prevista mil-leġislazzjoni nazzjonali. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jkun applikabbli għal projbizzjoni temporanja jew permanenti mill-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali relatati mas-supervisjoni tat-tfal, li hija espressament prevista mid-Deċiżjoni Kwadru, fejn dik il-projbizzjoni hija konsegwenza ta' kundanna kriminali għal wieħed mir-reati konnessi ma' l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal.

(6) Kuxjenza ta' l-eżistenza ta' tali projbizzjoni fi Stat Membru wieħed hija prerekwiżit għar-rikonoxximent u l-infurzar tagħha fi Stat Membru ieħor. Bosta strumenti internazzjonali jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Kwistjonijiet Kriminali ta' l-20 ta' April 1959, li tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-kundanni kriminali kollha u bil-miżuri sussegwenti mdaħħla fir-*records* kriminali li jikkonċernaw iċ-ċittadini tagħhom. Jeħtieġ li jittejjeb il-qafas legali eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-projbizzjonijiet asso ċjati ma' tali kundanni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

TITOLU I - FIRXA TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Għan

1. Din id-Deċiżjoni Kwadru tapplika għar-reati koperti fl-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal.

2. L-għan tagħha hu li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jinfurza fit-territorju tiegħu projbizzjonijiet li jirriżultaw minn kundanni għal tali reati.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett għad-drittijiet fondamentali u għall-prinċipji legali fondamentali kif miġbura fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru,

(a) "kundanna" għandha tfisser kwalunkwe deċiżjoni finali minn qorti kriminali li tistabbilixxi li persuna hi ħatja ta' reat kriminali;

(b) "*record* kriminali" għandha tfisser ir-reġistru jew reġistri nazzjonali li jżommu kont ta' kundanni skond il-liġi nazzjonali;

(ċ) "projbizzjoni" għandha tfisser projbizzjoni temporanja jew permanenti ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali relatati mas-superviżjoni tat-tfal, imsemmija fl-Artikolu 5(3) tad-Deċi żjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, li tirriżulta minn kundanna għal reat skond l-Artikolu 1(1);

(d) "awtorità ċentrali" għandha tfisser l-awtorità maħtura skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...] dwar l-iskambju ta' informazzjoni maħruġa mir-*record* kriminali;

(e) "Stat emittenti" għandha tfisser l-Istat Membru li fih qorti għaddiet il-kundanna;

(f) "Stat infurzanti" għandha tfisser l-Istat Membru, barra minn dak li fih qorti għaddiet il-kundanna, li fit-territorju tiegħu tirresjedi l-persuna kkundannata;

TITOLU II – INFORMAZZJONI DWAR PROJBIZZJONIJIET

Artikolu 3

Obbligu ta' reġistrazzjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe projbizzjoni tiġi re ġistrata fir-*record* kriminali.

Artikolu 4

Obbligu ta' notifika

1. Meta l-Istat emittenti jgħaddi informazzjoni dwar ir-*record* kriminali lil Stat Membru ieħor skond ir-regoli internazzjonali applikabbli għal assistenza legali reċiproka f'kwistjonijiet kriminali, g ħandu jsemmi l-projbizzjoni fl-estratt mir-*record* kriminali.

2. L-awtorità ċentrali ta' l-Istat emittenti għandha wkoll tindika t-tul tal-projbizzjoni.

Artikolu 5

Obbligu ta' rikjesta għal informazzjoni

Fejn issir applikazzjoni fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għar-*records* kriminali ta' Stat Membru, skond il-liġi nazzjonali, bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni dwar ċittadin ta' Stat Membru ieħor, g ħandha dejjem issir applikazzjoni lill-awtorità ċentrali ta' l-Istat Membru li tiegħu hu ċittadin il-persuna konċernata.

TITOLU III – PROĊEDURA GĦALL-INFURZAR TA' PROJBIZZJONIJIET

Artikolu 6

Rikonoxximent u infurzar tal-projbizzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat infurzanti għandhom jirrikonoxxu kwalunkwe projbizzjoni, mingħajr ma tkun meħtieġa kwalunkwe formalità, u għandhom jinfurzawha, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċiedux li jinvokaw waħda mir-raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar previsti fl-Artikolu 7.

2. Meta l-Istat infurzanti huwa infurmat bl-eżistenza ta' projbizzjoni, għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti sabiex jiġi applikat il-paragrafu 1. L-awtorità kompetenti g ħandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien tletin jum li tkun ġiet mgħoddija tali informazzjoni.

Artikolu 7

Raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat infurzanti jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu u jinfurzaw projbizzjoni biss jekk:

(a) il-piena għandha limitu ta' żmien skond il-liġi ta' l-Istat infurzanti, fejn ir-reati kkonċernati huma soġġett għall-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat skond il-liġi kriminali tiegħu;

(b) il-kundanna ġiet mgħoddija mingħajr il-preżenza tal-kundannat u l-persuna involuta ma ġiet m ħarrka personalment u lanqas ma ġiet infurmata bid-data u post ta' l-udjenza li għall-kundanna mgħoddija mingħajr il-preżenza tal-kundannat;

(ċ) kundanna ġiet mgħoddija lill-persuna kkonċernata għall-istess reati fl-Istat infurzanti.

Artikolu 8

Proċeduri ta' infurzar

1. Sabiex tiġi infurzata projbizzjoni, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti ma għandhiex te ħtieġ kwalunkwe formalità barra mill-formula B, imsemmija fl-Artikolu $(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [...] dwar l-iskambju ta' informazzjoni maħruġa mir-*record* kriminali.

2. Jekk it-tul tal-projbizzjoni jeċċedi l-massimu previst mil-liġi ta' l-Istat infurzanti għall-istess reat, it-tul tal-projbizzjoni infurzata għandha titnaqqas għal dak il-massimu.

Artikolu 9

Appelli

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa biex jiżgura li l-persuna kkundannata għandha rimedju legali non-sospensiv kontra r-rikonoxximent u l-infurzar ta' projbizzjoni skond l-Artikolu 6. L-azzjoni għandha titressaq quddiem qorti fl-Istat infurzanti skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat.

2. Ir-raġunijiet sostanzjali biex tiġi mgħoddija il-kundanna u s-sentenza ma jistgħux jiġu sfidati quddiem qorti fl-Istat infurzanti.

Artikolu 10

Tibdiliet sussegwenti

1. L-awtorità ċentrali ta' l-Istat emittenti għandha tinfurma lill-awtorità ċentrali ta' l-Istat infurzanti bi kwalunkwe miżura sussegwenti li taffettwa l-projbizzjoni, inklużi r-reviżjoni, il-maħfra, l-amnistija, ir-rijabilitazzjoni u t-tħassir. L-awtorità ċentrali ta' l-Istat infurzanti għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti għall-finijiet li jiġi applikat l-Artikolu 6(1)..

2. Jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat infurzanti tiġi infurmata b'miżura sussegwenti li taffettwa l-projbizzjoni skond il-paragrafu 1, għandha għaldaqstant tadatta l-miżuri li ttieħdu skond l-Artikolu 6(1).

TITOLU IV – DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru sa [...].

2. L-Istati Membri għandhom, sa l-istess data, jikkomunikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi li jirri żultaw minn din id-Deċiżjoni Kwadru. Abbażi ta' rapport stabbilit mill-Kummissjoni abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kunsill għandu, sa mhux aktar tard minn [...], jivvaluta safejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni Kwadru għanda tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.